



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Mejju 2012  
(OR en)**

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2011/0293 (NLE)**

---

---

**16396/11  
ADD 24**

**AMLAT 100  
PESC 1391  
WTO 389**

**ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra

---

DWAR ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI TAL-ORIĠINI"  
U METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

WERREJ

|                                                                  |                                                              |
|------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------|
| TITOLU I<br>DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI                           |                                                              |
| Artikolu 1                                                       | Definizzjonijiet                                             |
| TITOLU II<br>DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI TAL-ORIĠINI" |                                                              |
| Artikolu 2                                                       | Rekwiżiti Ġenerali                                           |
| Artikolu 3                                                       | Kumulazzjoni tal-Oriġini                                     |
| Artikolu 4                                                       | Prodotti Miksuba Għalkollox                                  |
| Artikolu 5                                                       | Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Biżżejjed                 |
| Artikolu 6                                                       | Prodotti li Ma Nħadmux jew li Ma Ġewx Ipproċessati Biżżejjed |
| Artikolu 7                                                       | Unità ta' Kwalifika                                          |
| Artikolu 8                                                       | Aċċessorji, Spare Parts u Għodod                             |
| Artikolu 9                                                       | Settijiet                                                    |
| Artikolu 10                                                      | Elementi Newtrali                                            |

| TITOLU III<br>REKWIŻITI TERRITORJALI |                                                                                                      |
|--------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Artikolu 11                          | Il-Prinċipju tat-Territorjalità                                                                      |
| Artikolu 12                          | Trasport Dirett                                                                                      |
| Artikolu 13                          | Wirjiet                                                                                              |
| TITOLU IV<br>PROVA TAL-ORIĠINI       |                                                                                                      |
| Artikolu 14                          | Rekwiżiti Ġenerali                                                                                   |
| Artikolu 15                          | Proċedura għall-Ħruġ ta' Ċertifikat ta' Moviment EUR 1                                               |
| Artikolu 16                          | Ċertifikati ta' Moviment EUR 1 Maħruġin Retrospektivament                                            |
| Artikolu 17                          | Ħruġ ta' Ċertifikat ta' Moviment EUR 1 Duplikat                                                      |
| Artikolu 18                          | Ħruġ ta' Ċertifikati ta' Moviment EUR 1 fuq il-Bażi ta' Prova tal-Oriġini Maħruġa jew Magħmula Qabel |
| Artikolu 19                          | Kondizzjonijiet biex Issir Dikjarazzjoni fuq il-Fattura                                              |
| Artikolu 20                          | Esportatur Approvat                                                                                  |
| Artikolu 21                          | Validità tal-Prova tal-Oriġini                                                                       |
| Artikolu 22                          | Preżentazzjoni ta' Prova tal-Oriġini                                                                 |
| Artikolu 23                          | Importazzjoni f'tit f'tit                                                                            |
| Artikolu 24                          | Eżenzjonijiet mill-Prova tal-Oriġini                                                                 |
| Artikolu 25                          | Dokumenti ta' Sostenn                                                                                |
| Artikolu 26                          | Żamma tal-Prova tal-Oriġini u d-Dokumenti ta' Sostenn                                                |
| Artikolu 27                          | Diskrepanzi u Żbalji Formali                                                                         |
| Artikolu 28                          | Ammonti espressi f'Euro                                                                              |

| TITOLU V<br>ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA |                                                                          |
|-------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------|
| Artikolu 29                                                 | Kooperazzjoni Amministrattiva                                            |
| Artikolu 30                                                 | Verifika tal-Provi tal-Oriġini                                           |
| Artikolu 31                                                 | Soluzzjoni tat-Tilwim                                                    |
| Artikolu 32                                                 | Penali                                                                   |
| Artikolu 33                                                 | Żoni Ħielsa                                                              |
| TITOLU VI<br>CEUTA U MELILLA                                |                                                                          |
| Artikolu 34                                                 | Applikazzjoni ta' dan l-Anness                                           |
| Artikolu 35                                                 | Kondizzjonijiet Speċjali                                                 |
| TITOLU VII<br>DISPOŻIZZJONIJIET FINALI                      |                                                                          |
| Artikolu 36                                                 | Emendi għal dan l-Anness                                                 |
| Artikolu 37                                                 | Noti Spjegattivi                                                         |
| Artikolu 38                                                 | Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Prodotti fi Tranżitu jew dawk Maħżuna |
| Artikolu 39                                                 | Dispożizzjoni Tranżitorja għall-Finijiet ta' Kumulazzjoni                |

| Lista ta' Appendiċijiet |                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|-------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Appendiċi 1:            | Noti ta' Introduzzjoni għall-Anness II.                                                                                                                                                                                                                                                  |
| Appendiċi 2:            | Lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali mhux tal-orġini sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb status tal-orġini.                                                                                                                                     |
| Appendiċi 2A:           | Addendum mal-lista tal-ħidma jew tal-ipproċessar li jrid isir fuq materjal mhux tal-orġini sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb status tal-orġini.                                                                                                                        |
| Appendiċi 3:            | Mudelli taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1. u tal-applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR.1.                                                                                                                                                                                       |
| Appendiċi 4:            | Dikjarazzjoni fuq il-fattura.                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Appendiċi 5:            | Perjodu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni fuq il-fattura jew rimborż tat-tariffi skont l-Artikoli 19, il-paragrafu 6 u 21, il-paragrafu 4 tal-Anness II, fir-rigward tad-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti tal-Orġini" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva. |
| Appendiċi 6:            | L-ammonti msemmija fl-Artikoli 19, il-paragrafu 1 (b) u fl-Artikolu 24, il-paragrafu 3 tal-Anness II, fir-rigward tad-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti tal-Orġini" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva                                                                    |

DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI  
(INKLUŻI FL-AĦĦAR TA' DAN IL-FTEHIM)

Dikjarazzjoni Konġunta li tirrigwarda l-Prinċipat ta' Andorra

Dikjarazzjoni Konġunta li tirrigwarda r-Repubblika ta' San Marino

Dikjarazzjoni Konġunta li tirrigwarda d-derogi

Dikjarazzjoni Konġunta li tirrigwarda r-reviżjoni tar-regoli ta-l-oriġini li jinsabu fl-Anness II (Rigward id-Definizzjoni ta-l-Kunċett ta' "Prodotti ta-l-Oriġini" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva)

Dikjarazzjoni Konġunta li tirrigwarda r-reviżjoni tar-regoli ta-l-oriġini li japplikaw għall-prodotti ta-l-Kapitoli 61 u 62 tas-Sistema Armonizzata

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-użu temporali ta' materjal addizzjonali mhux ta-l-oriġini għall-prodotti ta-l-Kapitoli 61 u 62 tas-Sistema Armonizzata

## TITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### ARTIKOLU 1

##### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness<sup>59</sup>:

- (a) "kapitoli", "intestaturi" u "sottointestaturi" ifissru l-kapitoli, l-intestaturi (kodiċijiet b'erba' ċifri) u s-sottointestaturi (kodiċijiet b'sitt ċifri) użati fin-nomenklatura li tistabbilixxi s-Sistema Armonizzata (SA);
- (b) "klassifikat" tirriferi għall-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt titlu partikolari;
- (c) "awtorità kompetenti pubblika" tirriferi għal:

awtoritajiet doganali ta' ISTATI Membri ta' Unjoni Ewropea;

---

<sup>59</sup> Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan l-Anness, ir-referenzi kollha li jsiru għall-Artikoli għandhom jitqiesu bħala referenzi għall-Artikoli ta' dan l-Anness.

Għall-Kosta Rika, il-*Promotora del Comercio Exterior de Costa Rica (PROCOMER)*, jew is-suċċessur tagħha;

Għal El Salvador, is-*Centro de Trámites de Exportación del Banco Central de Reserva (CENTREX/BCR)* għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1., il-verifika tal-provi tal-oriġini għall-esportazzjonijiet u l-ġhoti tal-istatus ta' esportatur approvat; u d-*Dirección General de Aduanas (DGA) del Ministerio de Hacienda* għall-verifika tal-provi tal-oriġini għall-importazzjonijiet, jew is-suċċessuri tagħhom;

Għall-Gwatemala, id-*Dirección de Administración del Comercio Exterior del Ministerio de Economía* għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1., l-ġhoti tal-istatus ta' esportatur approvat u l-verifika tal-provi tal-oriġini, jew is-suċċessur tagħha;

Għall-Honduras, id-*Dirección General de Integración Económica y Política Comercial de la Secretaría de Estado en los Despachos de Industria y Comercio* għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1., l-ġhoti tal-istatus ta' esportatur approvat u l-verifika tal-provi tal-oriġini, jew is-suċċessur tagħha;

Għan-Nikaragwa, is-Centro de Trámites de las Exportaciones (CETREX) del Ministerio de Fomento, Industria y Comercio (MIFIC) għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1., il-verifika tal-provi tal-oriġini għall-esportazzjonijiet u l-ġhoti tal-istatus ta' esportatur approvat; u d-Dirección General de Servicios Aduaneros (DGA) għall-verifika tal-provi tal-oriġini għall-importazzjonijiet, jew is-suċċessuri tagħhom; u

Għall-Panama, il-Ministerio de Comercio e Industrias għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1.; u l-Autoridad Nacional de Aduanas għall-verifika tal-provi tal-oriġini u l-ġhoti tal-istatus ta' esportatur approvat, jew is-suċċessuri tagħhom;

- (d) "konsenja" tfisser prodotti li jintbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed lil destinatariju wieħed jew li jkunu koperti b'dokument ta' trasport wieħed li jkopri l-konsenja tagħhom mill-esportatur għad-destinatarju jew, fl-assenza ta' tali dokument, b'fattura waħda;
- (e) "valur doganali" tfisser il-valur li jiġi ddeterminat skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (min hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Valutazzjoni Doganali");
- (f) "il-prezz mill-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur fil-Parti li fl-impriża tagħha jkun twettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar, sakemm il-prezz ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, bit-tneħħija ta' kwalunkwe taxxi interni li jiġu, jew li jistgħu jiġu, rimborżati meta l-prodott akkwistat jiġi esportat;

- (g) "merkanzija" tfisser kemm materjali u kemm prodotti;
- (h) "manifattura" tfisser kull tip ta' xogħol jew ipproċessar, inkluż l-immuntar jew operazzjonijiet speċifiċi;
- (i) "materjal" tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, fost l-oħrajn, li jintużaw fil-manifattura tal-prodott;
- (j) "prodott" tfisser il-prodott li jkun qed jiġi manifatturat, anki jekk ikun maħsub għal użu aktar 'il quddiem f'xi operazzjoni oħra ta' manifattura;
- (k) "il-valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-waqt tal-importazzjoni tal-materjali mhux tal-oriġini użati, jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax ikun aċċertat, l-ewwel prezz aċċertat imħallas għall-materjali fil-Parti;
- (l) "il-valur tal-materjali tal-oriġini" tfisser il-valur tat-tip ta' materjali ddefiniti f(k) applikat *mutatis mutandis*.

## TITOLU II

### DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI TAL-ORĠINI"

#### ARTIKOLU 2

##### Rekwiżiti Ġenerali

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat- Titolu II (Kummerċ fil-Merkanzija) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim, għandu jiġi kkunsidrat li l-prodotti li ġejjin joriġinaw mill-Unjoni Ewropea:

- (a) prodotti miksuba għalkollox mill-Unjoni Ewropea, skont it-tifsira tal-Artikolu 4;
- (b) prodotti miksuba mill-Unjoni Ewropea li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba għalkollox mill-Unjoni, sakemm tali materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 5;

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat- Titolu II (Kummerċ fil-Merkanzija) tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim, għandu jiġi kkunsidrat li l-prodotti li ġejjin joriġinaw mill-Amerka Ċentrali:

- (a) prodotti miksuba għalkollox mill-Amerka Ċentrali skont it-tifsira tal-Artikolu 4;

- (b) prodotti miksuba mill-Amerka Ċentrali li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba għalkollox mill-Amerka Ċentrali, sakemm tali materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed fl-Amerka Ċentrali skont it-tifsira tal-Artikolu 5.

### ARTIKOLU 3

#### Kumulazzjoni tal-Oriġini

1. Materjali li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu kkunsidrati bħala materjali li joriġinaw fl-Amerka Ċentrali meta jkunu inkorporati fi prodott miksub minn hemmhekk. Ma għandux ikun neċessarju li tali materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed, sakemm dawn ikunu nħadmu jew ġew ipproċessati iktar mix-xogħol u l-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 6.
2. Materjali li joriġinaw fl-Amerka Ċentrali għandhom jiġu kkunsidrati bħala materjali li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea meta jkunu inkorporati fi prodott miksub minn hemmhekk. Ma għandux ikun neċessarju li li tali materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed, sakemm ikunu nħadmu jew ġew ipproċessati iktar mix-xogħol u l-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 6.

3. Minkejja l-Paragrafi 1 u 2, għandu jiġi kkunsidrat li l-materjali li joriġinaw fil-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Perù jew il-Venezwela, meta jsir ilhom ipproċessar addizzjonali jew jiġu inkorporati fi prodott li jinkiseb minn hemmhekk<sup>60</sup>, huma materjali li joriġinaw fl-Amerka Ċentrali
4. Sabiex il-prodotti msemmija fil-paragrafu 3 jkunu status tal-oriġini, ma għandux ikun neċessarju li l-materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed, sakemm:
- (a) ix-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali mwettqa fl-Amerka Ċentrali jkunu marru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6;
  - (b) il-materjali jkunu oriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi elenkati fil-paragrafu 3, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini identiċi għal dawk applikabbli li kieku l-materjali msemmija kienu esportati direttament lejn l-Unjoni Ewropea; u
  - (c) l-arranġamenti eżistenti fis-seħħ bejn l-Amerka Ċentrali u l-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafu 3 jippermettu proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva xierqa, li jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa ta' dan il-paragrafu, kif ukoll taċ-ċertifikazzjoni u l-verifikazzjoni tal-istatus tal-oriġini tal-prodotti<sup>61</sup>

---

<sup>60</sup> F'każ li xi pajjiż imsemmi f'dan il-paragrafu, ma jkomplix jibbenefika minn trattament tat-tariffi preferenzjali fis-suq tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk iwaqqaf lill-Amerka Ċentrali milli takkumula l-materjali skont dan l-Artikolu, l-Unjoni Ewropea għandha tiegħu l-miżuri kollha li huma kompatibbli mal-obbligi tad-WTO, li huma neċessarji biex l-Amerka Ċentrali żżomm l-istess livell ta' flessibilità li hija intitolata għalih skont l-Artikolu 3. Wara li ssirilha talba skont din id-dispożizzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha, mingħajr dewmien żejjed, tgħarraġ l-Repubbliki milquta tal-Parti CA dwar l-azzjonijiet meħuda sabiex tiġi żgurata ż-żamma tal-possibbiltajiet ta' kumulazzjoni stipulati f'dan l-Artikolu.

<sup>61</sup> L-arranġamenti msemmija f'dan il-paragrafu ġew irrispettati u nnotifikati lill-Unjoni Ewropea. Ir-referenza għan-notifika ġiet ippubblikata fid-29 05 2003 fil-ĠU L 134/1.

5. L-istatus tal-oriġini ta' materjali esportati minn wieħed mill-pajjiżi, imsemmija fil-paragrafu 3, lejn l-Amerka Ċentrali biex jintużaw f'xogħol jew ipproċessar addizzjonali, għandu jiġi stabbilit permezz ta' prova tal-oriġini li biha dawn il-materjali jistgħu jiġu esportati direttament lejn l-Unjoni Ewropea.
6. Il-prova tal-istatus tal-oriġini miksuba skont il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 4, ta' merkanzija esportata lejn l-Unjoni Ewropea, għandha tiġi stabbilita permezz ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni fuq il-fattura mfassla fil-pajjiż li jesporta skont id-dispożizzjoniet tat-Titolu IV (Prova tal-oriġini) ta' dan l-Anness. Dawn id-dokumenti għandu jkollhom fuqhom il-kliem "kumulazzjoni ma' [isem il-pajjiż]".
7. Fuq talba ta' Repubblika tal-Parti CA jew tal-Unjoni Ewropea, il-materjali li joriġinaw fil-Messiku jew il-pajjiżi tal-Amerka t'Isfel jew tal-Karibew għandhom jiġu kkunsidrati bħala materjali li joriġinaw fl-Amerka Ċentrali jew fl-Unjoni Ewropea rispettivament, meta jkomplu jiġu pproċessati jew jiġu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk.
8. It-talba għandha titressaq quddiem is-Sottokomitat dwar id-Dwana, l-Iffaċilitar tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini stabbilit skont l-Artikolu 123 tal-Kapitlu 3 (l-Iffaċilitar tad-Dwana u l-Kummerċ) tat-Titolu II tal-Parti IV ta' dan il-Ftehim.

9. Sabiex il-prodotti msemmija fil-paragrafu 7 jkissbu status tal-oriġini, ma għandux ikun neċessarju li l-materjali jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed, sakemm:

- (a) ix-xogħol jew l-ipproċessar fuq il-materjali mwettqa fl-Amerka Ċentrali jew fl-Unjoni Ewropea jkunu marru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6;
- (b) il-materjali jkunu oriġinaw fil-Messiku jew f'pajjiż tal-Amerka t'Isfel jew tal-Karibew, bl-applikazzjoni ta' regoli tal-oriġini identiċi għal dawk applikabbli li kieku dawn il-materjali kienu esportati direttament lejn l-Unjoni Ewropea;
- (c) il-materjali jkunu oriġinaw fil-Messiku jew f'pajjiż tal-Amerka t'Isfel jew tal-Karibew, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini identiċi għal dawk applikabbli li kieku dawn il-materjali kienu esportati direttament lejn l-Amerka Ċentrali; u
- (d) ir-Repubbliki tal-Parti CA, l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż jew il-pajjiżi l-oħra kkonċernati jkollhom arranġament dwar proċeduri adegwati ta' kooperazzjoni amministrattiva li jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa ta' dan il-paragrafu kif ukoll taċ-ċertifikazzjoni u l-verifika tal-istatus tal-oriġini tal-prodotti.

10. Il-Partijiet, bi qbil komuni, għandhom jinnotifikaw lis-Sottokomitat dwar id-Dwana, l-Iffażilitar tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini, bil-materjali li għandhom japplikaw għalihom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 7 sa 12 ta' dan l-Artikolu.

11. Il-kumulazzjoni stabbilita fil-paragrafi 7, 8, 9, 10 u 12 ta' dan l-Artikolu tista' tiġi applikata, sakemm:

- (a) ikun hemm fis-seħħ ftehimiet kummerċjali preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 bejn in-nonparti kkonċernata u r-Repubbliki tal-Parti CA u l-Unjoni Ewropea rispettivament. Din il-kumulazzjoni għandha tiġi applikata biss bejn il-Partijiet li daww il-ftehimiet huma fis-seħħ għalihom;
- (b) id-dispożizzjoniet dwar il-kumulazzjoni ekwivalenti għal daww stipulati fil-paragrafi 7, 8, 9, 10 u 12 ta' dan l-Artikolu jkunu fil-Ftehimiet imsemmija f'(a), sabiex id-dispożizzjoniet dwar il-kumulazzjoni japplikaw b'mod reċiproku bejn ir-Repubbliki tal-Parti CA, l-Unjoni Ewropea u n-nonparti kkonċernata, rispettivament; u
- (c) ikunu ġew ippubblikati avviżi li juru li r-rekwiżiti neċessarji jkunu ġew issodisfati biex tiġi applikata l-kumulazzjoni skont il-paragrafi 7, 8, 9, 10 u 12 ta' dan l-Artikolu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE (is-sensjela C), u fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali tar-Repubbliki tal-Parti CA u l-pajjiżi tan-nonparti kkonċernati, skont il-proċeduri tagħhom stess.

12. Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni tal-paragrafi 7 sa 11.

## ARTIKOLU 4

### Prodotti Miksuba Għalkollox

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prodotti li nkisbu għalkollox mill-Unjoni Ewropea jew mill-Amerka Ċentrali:

- (a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija taġġhom jew minn qiegħ il-baħar taġġhom;
- (b) prodotti veġetali maħsudin jew imkabbrin u miġburin hemmhekk;
- (c) annimali ħajjin imwiġda u mrobbija hemmhekk;
- (d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemm;
- (e) (i) prodotti miksuba minn hemm permezz tal-kaċċa;

- (ii) prodotti miksuba permezz tas-sajd li jsir fl-ilmijiet interni tagħhom jew mhux iktar bogħod minn 12-il mil nawtiku mil-linji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea jew tar-Repubbliki tal-Parti CA
- (iii) prodotti tal-akkwakultura, inkluża l-marikultura, fejn il-ħut, il-krustaċji, il-molluski u invertebrati akkwatiċi oħra jitwieldu jew jitrabbew hemmhekk;
- (f) prodotti tas-sajd fl-ibħra u prodotti oħra miksuba mill-baħar lil hinn mit-12-il mil nawtiku mkejla mil-linji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea jew tar-Repubbliki tal-Parti CA mill-bastimenti tagħhom;
- (g) prodotti magħmula fuq il-bastimenti fabbrika tagħhom esklużivament mill-prodotti msemmija f(f);
- (h) oġġetti użati miġbura minn hemmhekk adattati biss sabiex tinġabar il-materja prima, inklużi tajers użati adattati biss biex jinbidlilhom il-wieċ jew għal użu bħala skart;
- (i) skart u bċejjeċ li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' manifattura mwettqa hemmhekk;
- (j) prodotti estratti mill-ħamrija jew mis-saff ta' taħt il-ħamrija marittima lil hinn mill-ibħra territorjali tagħhom, sakemm ikollhom id-drittijiet esklużivi li jaħdmu dik il-ħamrija jew is-saff ta' taħt dik il-ħamrija;

(k) merkanzija magħmula esklużivament hemmhekk mill-prodotti speċifikati f(a) sa (j).

2. It-termini "il-bastimenti tagħhom" u l-"bastimenti fabbrika tagħhom" fil-paragrafu 1(f) u (g) għandhom japplikaw biss għal bastimenti u għal bastimenti fabbrika li:

(a) jkunu rreġistrati fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew f'Repubblika tal-Parti CA, skont il-leġiżlazzjoni domestika ta' kull Parti;

(b) jbaħħru bil-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' Repubblika tal-Parti CA; u

(c) jissodisfaw waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) tal-inqas 50 % tas-sjieda tagħhom tkun f'idejn ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tar-Repubbliki tal-Parti CA; jew

(ii) ikunu l-proprjetà ta' kumpanija

– li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom u l-post prinċipali tagħhom tan-negozju fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew f'Repubblika tal-Parti CA; u

- li tal-inqas 50 % tas-sjieda tagħhom tkun f'idejn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew Repubblika tal-Parti CA, entitajiet pubbliċi jew ċittadini tagħhom.

3. Il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 2 jistgħu jintlaħqu fil-pajjiżi differenti msemmija fl-Artikolu 3 taħt il-kondizzjonijiet msemmija f'dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU 5

### Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Biżżejjed

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-prodotti li ma jinkisbux għalkollox, jiġi kkunsidrat li huma maħdumin jew ipproċessati biżżejjed meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Appendiċi 2 jiġu ssodisfati.

Il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq jindikaw, għall-prodotti kollha koperti bil-Ftehim, ix-xogħol jew l-ipproċessar li għandu jiġi mwettaq fuq materjali mhux tal-oriġini użati fil-manifattura u japplikaw biss fir-rigward ta' materjali bħal dawn. Għaldaqstant, huwa xieraq li jekk prodott li jkun kiseb status tal-oriġini billi jkun issodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li fih jiġi inkorporat ma japplikawx għalih, u ma għandhomx jitqiesu l-materjali mhux tal-oriġini li setgħu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

2. Minkejja l-paragrafu 1, materjali mhux tal-oriġini li, skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-lista, ma għandhomx jiġu użati fil-manifattura ta' prodott, jistgħu madanakollu jiġu użati, sakemm:

- (a) il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika;
- (b) kwalunkwe wieħed mill-persentaġġi elenkati fil-lista għall-valur massimu ta' materjali mhux tal-oriġini ma jinqabiżx permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li għandu japplika għalihom l-Appendiċi 1. Barra minn hekk, dan il-paragrafu ma għandux japplika għal prodotti miksuba għalkollox mill-Partijiet. Madankollu, mingħajr ħsara għall-Artikolu 7, it-tolleranza stabbilita f'dan il-paragrafu tapplika wkoll għall-materjali li jintużaw fil-manifattura ta' prodott u li għalihom ir-regola elenkata fil-lista fl-Appendiċi 2 għal dak il-prodott titlob li tali materjali għandhom jinkisbu għalkollox.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6.

## ARTIKOLU 6

### Prodotti li Ma Nħadmux jew li Ma Ġewx Ipproċessati Biżżejjed

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar li mhux biżżejjed biex jingħatalhom l-istatus ta' prodotti ta' oriġini, kemm jekk ir-rekwiżiti ta' Artikolu 5 jiġu ssodisfati u kemm jekk le:

- (a) operazzjonijiet ta' preżervazzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kondizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;
- (b) separazzjoni u mmuntar ta' pakketti;
- (c) ħasil, tindif, tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew kisi ieħor;
- (d) mogħdija jew pressa tat-tessuti;
- (e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa u lostru;
- (f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar parzjali jew totali, lostru, u gglejżjar ta' ċereali u ross;

- (g) operazzjonijiet biex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew biex ikunu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali ta' zokkor kristallizzat;
- (h) tqaxxir, tneħħija ta-l-għadma jew fsiq ta' frott, ġewż u ħaxix;
- (i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;
- (j) għarbil, skrinjar, sortjar, ikklassifikar, iggradar, tqabbil (inkluż l-immuntar ta' settijiet ta' oġġetti);
- (k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, fjasketti, boroż, kontenituri, kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħra kollha ta' ppakkjar;
- (l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali oħra simili ta' distinzjoni fuq il-prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;
- (m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le; taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe materjal;

- (n) l-immuntar sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jikkostitwixxu oġġett sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;
- (o) il-qatla tal-annimali;
- (p) kombinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew iżjed imsemmija f'(a) sa (o).

2. L-operazzjonijiet kollha li jitwettqu fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali fuq prodott partikolari għandhom jitqiesu flimkien meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħala mhux biżżejjed skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

## ARTIKOLU 7

### Unità ta' Kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness għandha tkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika meta tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni billi tintuża n-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Minn dan isegwi li:

- (a) meta prodott magħmul minn grupp jew numru ta' oġġetti jkun ikklassifikat skont it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, il-prodott sħiħ jikkostitwixxi unità ta' kwalifika;
  - (b) meta konsenja tikkonsisti minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies individwalment meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.
2. Meta, skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-imballaġġ ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, għandu jkun inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini.

## ARTIKOLU 8

### Aċċessorji, Spare Parts u Għodod

L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodod mibgħuta ma' biċċa tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li jkunu parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tiegħu jew li ma tkunx inħarġitilhom fattura separata, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mat-tagħmir, il-makkinarju, l-apparat jew il-vettura kkonċernata.

## ARTIKOLU 9

### Settijiet

Is-settijiet, kif inhuma ddefiniti fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala prodotti tal-orġini meta l-prodotti komponenti kollha jkunu tal-orġini. Madankollu, meta sett ikun kompost minn prodotti tal-orġini u oħrajn mhux tal-orġini, is-sett sħiħ għandu jitqies bħala tal-orġini, sakemm il-valur tal-prodotti mhux tal-orġini ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-prezz tas-sett.

## ARTIKOLU 10

### Elementi Newtrali

Sabiex ikun iddeterminat jekk prodott ikunx ta' orġini, ma għandux ikun meħtieġ li tkun determinata l-orġini ta' dawn li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

- (a) l-enerġija u l-fjuwil;
- (b) l-impjant u t-tagħmir;

- (c) il-makkinarju u l-għodod;
- (d) merkanzija li ma tidħolx u li mhix intenzjonata li tidħol fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

### TITOLU III

#### REKWIŻITI TERRITORJALI

#### ARTIKOLU 11

##### Il-Prinċipju tat-Territorjalità

1. Il-kondizzjonijiet stipulati fit-Titolu II ta' dan l-Anness, li huma relatati mal-kisba tal-istatus tal-oriġini, għandhom jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali.

2. Jekk il-prodotti ta' oriġini esportati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Amerka Ċentrali lejn pajjiż ieħor jirritornaw, għandhom jiġu kkunsidrati bħala prodotti mhux ta' oriġini, sakemm ma jkunx jista' jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, li:

- (a) l-oġġetti li jiġu rritornati lura huma l-istess bħal dawk esportati; u
- (b) dawn ma jkunu għaddew minn l-ebda operazzjoni lil hinn minn dik meħtieġa biex jinżammu f'kondizzjoni tajba waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt li jkunu qed jiġu esportati.

3. L-akkwist ta' status tal-oriġini skont il-kondizzjonijiet stipulati fit-Titolu II ta' dan l-Anness ma għandux jiġi milqut mix-xogħol jew mill-ipproċessar li seħħ barra mill-Partijiet fuq materjali esportati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Amerka Ċentrali u sussegwentement importati mill-ġdid hemmhekk, sakemm:

- (a) il-materjali msemmija jkunu miksuba għalkollox mill-Unjoni Ewropea jew mill-Amerka Ċentrali jew ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 qabel ma jkunu ġew esportati; u

(b) ikun jista' jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, li:

- (i) l-oġġetti importati mill-ġdid ikunu nkisbu billi sar xogħol jew ipproċessar fuq il-materjali esportati; u
- (ii) il-valur miżjud totali miksub barra mill-Partijiet bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jkunx aktar minn 10 fil-mija tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika finali li għalih ikun qed jintalab l-istatus tal-orijini.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-kondizzjonijiet għall-akkwist tal-istatus tal-orijini stipulati fis-Titolu II ta' dan l-Anness ma għandhomx japplikaw għal xogħol jew ipproċessar li jkun sar barra mill-Partijiet. Iżda meta, fil-lista fl-Appendiċi 2, regola li tistipula valur massimu għall-materjali inkorporati kollha mhux ta' orijini tkun applikata fid-determinazzjoni tal-istatus tal-orijini tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali mhux ta' orijini inkorporati fit-territorju tal-Parti, meħud flimkien mal-valur miżjud totali akkwistat barra mill-Partijiet bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, ma għandux ikun aktar mill-persentaġġ imsemmi.

5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, "valur miżjud totali" għandha tfisser l-ispejjeż kollha li jirriżultaw barra mill-Partijiet, inkluż il-valur tal-materjali inkorporati hemmhekk.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Appendiċi 2 jew li jistgħu jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati bizzżejjed fil-każ biss li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2.

7. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

8. Kull xogħol jew ipproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u li jsiru barra mill-Partijiet għandu jsir skont l-arranġamenti dwar l-ipproċessar estern, jew arranġamenti simili.

## ARTIKOLU 12

### Trasport Dirett

1. It-trattament ta' tariffi preferenzjali previst f'dan il-Ftehim japplika biss għall-prodotti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness, li jiġu trasportati direttament bejn il-Partijiet. Madankollu, il-prodotti jistgħu jiġu ttrasportati minn territorji oħra, jekk ikun hemm iċ-ċans, bit-trasbord jew ħażna temporanja f'tali territorji, kemm-il darba jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż ta' tranżitu jew ta' ħażna temporanja u ma jsirulhomx operazzjonijiet għajr dawk ta' haħt, tagħbija mill-ġdid jew kwalunkwe operazzjoni maħsuba biex jinżammu f'kondizzjoni tajba.

Il-prodotti tal-oriġini jistgħu jiġu ttrasportati permezz ta' pipeline li jgħaddi minn territorji li mhumix daww tal-Partijiet

2. Għandha tiġi pprovduta evidenza lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfatti permezz tal-produzzjoni ta':

- (a) dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-passaġġ mill-Parti li tesporta għall-pajjiż ta' tranżitu; jew
- (b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' tranżitu li jinkludi:
  - (i) deskrizzjoni eżatta tal-prodotti,
  - (ii) id-dati ta' meta nħattu u tgħabbew mill-ġdid il-prodotti u, fejn japplika, l-ismijiet tal-vapuri, jew il-mezzi l-oħra tat-trasport użati; u
  - (iii) l-kondizzjonijiet li skonthom dawn il-prodotti baqgħu fil-pajjiż ta' tranżitu; jew
- (c) fl-assenza ta' dawn, kwalunkwe dokument ta' prova, għas-sodisfazzjon tal-awtorità doganali tal-Parti li timporta.

## ARTIKOLU 13

### Wirjiet

1. Prodotti ta'-oriġini, mibgħuta għall-wirja f'pajjiż li mhux wieħed mill-Partijiet u mibjugħin wara l-wirja għall-importazzjoni fit-territorju ta' Parti, ma l-importazzjoni għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, sakemm jiġi muri għas-sodisfazzjon ta' awtoritajiet doganali li:
  - (a) esportatur ikun bagħat dawn il-prodotti mill-Unjoni Ewropea jew minn Repubblika ta' Parti CA lejn il-pajjiż li fih tkun saret il-wirja u li jkun esibihom hemmhekk;
  - (b) il-prodotti jkunu nbiegħu jew inkella jkun iddispona minnhom dak l-esportatur lil persuna fit-territorju ta' Parti;
  - (c) il-prodotti jkunu ntbagħtu matul il-wirja jew eżatt wara fl-istat li fih dawn ikunu ntbagħtu għall-wirja; u
  - (d) il-prodotti ma jkunux intużaw, minn dakinhar li ntbagħtu għall-wirja, għal xi skop għajr dak ta' esibizzjoni fil-wirja.

2. Prova tal-oriġini għandha tinħareġ jew titfassal skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ta' dan l-Anness u ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta b'mod normali. Din għandha tindika l-isem u l-indirizz tal-wirja. Fejn ikun meħtieġ, provi dokumentati addizzjonali tal-kondizzjonijiet li skonthom ikunu ġew esibiti, jistgħu jintalbu.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tal-artiġġjanat, fieri jew esibizzjoni jew wirja pubblika simili li ma tkunx organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet ta' negozju bl-għan ta' bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt kontroll doganali.

## TITOLU IV

### PROVA TAL-ORĠINI

#### ARTIKOLU 14

##### Rekwiżiti Ġenerali

1. Il-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, meta jiġu impurtati fl-Amerka Ċentrali, u l-prodotti li joriġinaw fl-Amerka Ċentrali, meta jiġu impurtati fl-Unjoni Ewropea, għandhom jibbenefikaw minn dan il-Ftehim hekk kif jippreżentaw jew:
  - (a) ċertifikat ta' moviment EUR 1, li kampjun tiegħu jidher fl-Appendiċi 3; jew
  - (b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1, dikjarazzjoni, minn issa 'l quddiem imsejħa "dikjarazzjoni fuq il-fattura" mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota ta' konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'biżżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati; it-test tad-dikjarazzjoni fuq il-fattura jidher fl-Appendiċi 4.
2. Minkejja l-paragrafu 1, il-prodotti tal-orġini skont it-tifsira ta' dan l-Anness, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 24, għandhom jibbenefikaw minn dan il-Ftehim mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat xi wieħed mid-dokumenti msemmija hawn fuq.

## ARTIKOLU 15

### Proċedura għall-Ħruġ ta' Ċertifikat ta' Moviment EUR 1

1. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtorità pubblika kompetenti tal-Parti li tesporta, mal-applikazzjoni li tkun saret bil-miktub mill-esportatur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, bir-responsabbiltà taqa' fuq l-esportatur.
2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jimla kemm iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u l-formola tal-applikazzjoni, li kampjuni tagħhom jidhru fl-Appendiċi 3. Dawn il-formoli għandhom jimtew f'wieħed mill-ilsna li tfassal fihom dan il-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-Parti li tesporta. Jekk jinkitbu bl-idejn, għandhom jimtew bil-linka b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa rizzervata għal dan il-għan mingħajr ma jitħallew linji vojta. Meta l-kaxxa ma tkunx mimlija għalkollox, għandu jkun hemm sinjal orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni u l-ispazju vojta għandu jkun ingassat.
3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jkun ippreparat biex jissottometti fi kwalunkwe mument, fuq it-talba tal-awtorità pubblika kompetenti tal-Parti li tesporta fejn jinħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li jivverifikaw l-istatus tal-orijini tal-prodotti kkonċernati kif ukoll li r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness ġew issodisfati.

4. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtorità pubblika kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' Repubblika tal-Parti CA, jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.
5. L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti li joħorġu ċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 għandhom jieħdu kwalunkwe pass meħtieġ sabiex jivverifikaw l-istatus tal-oriġini tal-prodotti u li r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness intlaħqu. Għal dan il-għan, għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe prova u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tar-rekords kontabilistiċi tal-esportatur<sup>62</sup> jew li jagħmlu kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, għandhom jivverifikaw li l-ispazju riservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkun imtela b'tali mod li jeskludi kull possibbiltà ta' żidiet frodulent.
6. Id-data tal-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandha tkun indikata fil-kaxxa 11 ta' ċertifikat.
7. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti u jkun disponibbli għall-esportatur hekk kif l-esportazzjoni attwali tkun ġiet effettwata jew żgurata.

---

<sup>62</sup> Għal aktar ċertezza, kull fejn jintuża l-kunċett ta' "kont" f'dan l-Anness jew fl-appendiċijiet tiegħu, għandu jkun mifhum li qed jirreferi għar-rekords kontabilistiċi.

## ARTIKOLU 16

### Ċertifikati ta' Moviment EUR.1 maħruġin retrospettivament

1. Minkejja l-Artikolu 15, il-paragrafu 7, ċertifikat ta' moviment EUR.1 jista' b'mod eċċezzjonali jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom jirriferi jekk:
  - (a) ma kienx inħareġ fil-mument tal-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involuntarji jew ċirkostanzi speċjali; jew
  - (b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti pubbliċi li nħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 iżda ma kienx aċċettat mal-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.
2. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti koperti miċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u għandu jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.
3. L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jistgħu joħroġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 retrospettivament biss wara li jivverifikaw li t-tagħrif provdut fl-applikazzjoni tal-esportatur jaqbel mat-tagħrif fil-fajl korrispondenti.

4. Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR 1 li jinħarġu retrospettivament għandhom ikunu mmarkati bil-frażi "maħruġ retrospettivament", fwaħda minn dawn il-lingwi:

|    |                                    |
|----|------------------------------------|
| BG | "ИЗДАДЕН ВПОСЛЕДСТВИЕ"             |
| ES | "EXPEDIDO A POSTERIORI"            |
| CS | "VYSTAVENO DODATEČNE"              |
| DA | "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"            |
| DE | "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"         |
| ET | "TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD"         |
| EL | "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"           |
| EN | "ISSUED RETROSPECTIVELY"           |
| FR | "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"             |
| IT | "RILASCIATO A POSTERIORI"          |
| LV | "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"          |
| LT | "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"       |
| HU | "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL" |
| MT | "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"         |
| NL | "AFGEGEVEN A POSTERIORI"           |
| PL | "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIĘ"       |
| PT | "EMITIDO A POSTERIORI"             |
| RO | "EMIS A POSTERIORI"                |
| SK | "VYDANÉ DODATOČNE"                 |
| SL | "IZDANO NAKNADNO"                  |
| FI | "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"              |
| SV | "UTFÄRDAT I EFTERHAND"             |

5. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' moviment EUR 1.

## ARTIKOLU 17

### Ħruġ ta' Ċertifikat ta' moviment EUR.1 Duplikat

1. F'każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika għand l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti li jkunu hargħuh għal kopja duplikata maħruġa fuq bażi tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Lċ-ċertifikat duplikat li jinħareġ b'dan il-mod għandu jkun immarkat bil-frażi "duplikat", f'waħda minn dawn il-lingwi:

|    |                  |
|----|------------------|
| BG | "ДУБЛИКАТ"       |
| ES | "DUPLICADO"      |
| CS | "DUPLIKÁT"       |
| DA | "DUPLIKAT"       |
| DE | "DUPLIKAT"       |
| ET | "DUPLIKAAT"      |
| EL | "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"      |
| EN | "DUPLICATE"      |
| FR | "DUPLICATA"      |
| IT | "DUPLICATO"      |
| LV | "DUBLIKĀTS"      |
| LT | "DUBLIKATAS"     |
| HU | "MÁSODLAT"       |
| MT | "DUPLIKAT"       |
| NL | "DUPLICAAT"      |
| PL | "DUPLIKAT"       |
| PT | "SEGUNDA VIA"    |
| RO | "DUPLICAT"       |
| SK | "DUPLIKÁT"       |
| SL | "DVOJNIK"        |
| FI | "KAKSOISKAPPALE" |
| SV | "DUPLIKAT"       |

3. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 duplikat.
4. Iċ-ċertifikat duplikat, li għandu jkollu d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali ta' moviment EUR.1, għandu jibda japplika minn dik id-data.

## ARTIKOLU 18

### Ħruġ ta' Ċertifikati ta' Moviment EUR 1 fuq il-Bażi ta' Prova ta' Oriġini Maħruġa jew Maġmula Qabel

Meta l-prodotti ta' oriġini jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' uffiċċju doganali f'Parti, għandu jkun possibbli li l-prova ta' oriġini oriġinali tiġi sostitwita b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 wieħed jew aktar bl-għan li dawn il-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbagħtu band'oħra fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali. Iċ-ċertifikat(i) ta' moviment EUR.1 ta' sostituzzjoni għandu(hom) jinħareġ(jinħarġu) mill-uffiċċju doganali fil-Parti ta' UE, li taħt il-kontroll tiegħu jitqiegħdu l-prodotti jew mill-awtorità pubblika kompetenti rispettiva tar-Repubbliki ta' Parti CA.

## ARTIKOLU 19

### Kondizzjonijiet biex Issir Dikjarazzjoni fuq il-Fattura

1. Dikjarazzjoni fuq il-fattura kif imsemmi fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1(b), tista' titfassal:
  - (a) minn esportatur approvat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 20; jew
  - (b) minn kwalunkwe esportatur għal kwalunkwe konsenja ta' pakkett wieħed jew aktar bi prodotti tal-oriġini li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-ammont f'Euro stabbilit fl-Appendiċi 6 (l-Ammonti msemija fl-Artikoli 19, il-paragrafu 1 (b) u 24, il-paragrafu 3 tal-Anness II, li jirrigwardaw id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti tal-Oriġini" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva).
2. Dikjarazzjoni fuq il-fattura tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.
3. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni fuq il-fattura għandu jkun lest biex jissottometti fi kwalunkwe ħin, fuq talba tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Parti li tesporta, kull dokument xieraq li jivverifika l-istatus tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati kif ukoll li r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness ġew issodisfati.

4. Dikjarazzjoni fuq il-fattura ssir mill-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, in-nota ta' konsenja jew dokument kummerċjali ieħor, il-kliem tad-dikjarazzjoni, li jidher fl-Appendiċi 4, billi juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi elenkati f'dak l-Appendiċi u skont id-dispożizzjonijiet ta' leġislazzjoni domestika ta' Parti li tesporta. Jekk id-dikjarazzjoni tinkiteb bl-idejn, għandha tinkiteb bil-linka b'karattri stampati.
5. Id-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura għandu jkollhom il-firma oriġinali ta' l-esportatur miktuba bl-id. Madankollu, esportatur approvat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 20 ma għandux ikun mitlub li jiffirma tali dikjarazzjonijiet, bil-kondizzjoni li huwa jagħti lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ta' Parti li tesporta, garanzija bil-miktub li huwa jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni fuq il-fattura li tidentifikah b'hallikieku ġiet iffirmata bl-idejn minnu.
6. Dikjarazzjoni fuq il-fattura tista' ssir mill-esportatur meta l-prodotti li tkopri jiġu esportati, jew wara l-esportazzjoni bil-kondizzjoni li tiġi ppreżentata fil-Parti li timporta sa mhux aktar tard mill-perjodu stabbilit fl-Anness 5.

## ARTIKOLU 20

### Esportatur Approvat

1. L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Parti li tesporta jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe esportatur, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "esportatur approvat", li jagħmel konsenji spissi ta' prodotti skont dan il-Ftehim biex jagħmel dikjarazzjonijiet fuq il-fattura irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jfittex li jikseb tali awtorizzazzjoni jrid jipprovdì, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, il-garanziji kollha meħtieġa sabiex jiġi vverifikat l-istatus tal-orijini tal-prodotti kif ukoll li r-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness jkunu ġew issodisfati.
2. L-awtoritajiet kompetenti pubbliċi jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat soġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li huma jqisu meħtieġa.
3. L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti għandhom jagħtu numru ta' awtorizzazzjoni, li għandu jidher fid-dikjarazzjoni ta' fuq il-fattura, lill-esportatur approvat.
4. L-awtoritajiet kompetenti pubbliċi għandhom jimmonitorjaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jkunx għadu joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew inkella meta ma jużax l-awtorizzazzjoni b'mod korrett.

## ARTIKOLU 21

### Validità tal-Prova tal-Oriġini

1. Prova tal-oriġini għandha tkun valida għal 12-il xahar mid-data tal-ħruġ fil-Parti li tesporta, u għandha tkun ippreżentata matul il-perjodu speċifikat lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta.
2. Il-provi tal-oriġini li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta wara d-data finali għall-preżentazzjoni kif speċifikata fil-paragrafu 1, jistgħu jintlaqgħu għall-applikazzjoni ta' trattament preferenzjali tat-tariffi, fejn in-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali jkun seħħ minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.
3. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jistgħu jaċċettaw il-provi tal-oriġini fejn il-prodotti jkunu ġew sottomessi qabel id-data finali speċifikata.

4. Skont il-leġislazzjoni domestika tal-Parti li timporta, jista' jingħata trattament preferenzjali tat-tariffi, meta din tipproċedi, permezz tar-rimborż tat-tariffi f'perjodu mhux itwal mill-perjodu stabbilit fl-Appendiċi 5 mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni, fejn tiġi ppreżentata prova tal-orijini li tindika li l-prodotti importati kienu eliġibbli għal trattament preferenzjali tat-tariffi f'dik id-data.

## ARTIKOLU 22

### Preżentazzjoni ta' Prova tal-Oriġini

Il-provi tal-orijini għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta skont il-proċeduri applikabbli f'dik il-Parti. L-awtoritajiet speċifikati jistgħu jitolbu traduzzjoni ta' prova tal-orijini u jistgħu jitolbu wkoll li d-dikjarazzjoni tal-importazzjoni tkun akkumpanjata minn stqarrija mill-importatur, fejn jiddikjara li l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 23

### Importazzjoni f'tit f'tit

Meta, fuq talba tal-importatur u bil-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2 (a) tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata jiġu importati f'tit f'tit, għandha tkun ippreżentata prova tal-orijini waħda għal prodotti bħal dawn lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel konsenja.

## ARTIKOLU 24

### Eżenzjonijiet mill-Prova tal-Oriġini

1. Il-prodotti li jintbagħtu bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jkunu parti mill-bagalji personali ta' persuna li tivvjaġġa, għandhom jiddaħħlu bħala prodotti tal-orijini mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentazzjoni ta' prova tal-orijini, sakemm prodotti bħal dawn ma jkunux importati bi skop kummerċjali u jkunu ddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness u fejn ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' tali dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti li jintbagħtu bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni doganali CN22/CN23 jew fuq karta mehmuża ma' dak id-dokument.

2. Importazzjonijiet li ma jkunux regolari u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tad-destinatarji jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet bi skop kummerċjali jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemm ebda skop kummerċjali.

3. Barra minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti, fil-każ ta' pakketti żgħar jew ta' prodotti li jkunu parti mill-bagalji personali ta' persuna li tkun qed tivvjaġġa, ma għandux jaqbeż l-ammonti f'Euro stipulati fl-Anness 6 (l-Ammonti msemmija fl-Artikoli 19, il-paragrafu 1 (b) u 24, il-paragrafu 3 tal-Anness II, li jirrigwardaw id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti tal-Orġini" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva).

## ARTIKOLU 25

### Dokumenti ta' Sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 15, il-paragrafu 3 u 19, il-paragrafu 3 użati biex juru li l-prodotti koperti minn ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni fuq il-fattura, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness jistgħu jikkonsistu, *inter alia*, minn dawn li ġejjin:

- (a) evidenza diretta tal-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jikseb il-merkanzija kkonċernata, li tinsab pereżempju, fir-rekords kontabilistiċi tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;

- (b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus tal-oriġini tal-materjali użati, maħruġin jew magħmulin f'Parti, meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-leġislazzjoni domestika;
- (c) dokumenti li jagħtu prova tax-xogħol jew tal-ipproċessar tal-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali, maħruġa jew magħmula f'Parti, fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-leġislazzjoni domestika;
- (d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet fuq il-fattura li jagħtu prova tal-istatus tal-oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula f'Parti skont dan l-Anness.

## ARTIKOLU 26

### Żamma tal-Prova tal-Oriġini u d-Dokumenti ta' Sostenn

1. L-esportatur li japplika biex jinħariġlu ċertifikat ta' moviment EUR 1 għandu jżomm id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 15, il-paragrafu 3 għal tal-anqas tliet snin.
2. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni fuq il-fattura għandu jżomm għal tal-inqas tliet snin kopja ta' din id-dikjarazzjoni fuq il-fattura kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 19, il-paragrafu 3.

3. L-awtorità pubblika kompetenti tal-Parti li tesporta li toħroġ ċertifikat ta' moviment EUR.1, għandha żżomm għal tal-anqas tliet snin il-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2.

4. L-awtoritajiet kompetenti pubbliċi tal-Parti li timporta għandhom iżommu għal tal-anqas tliet snin iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura sottomessi lilhom, li jistgħu jinżammu f'format elettroniku.

## ARTIKOLU 27

### Diskrepanzi u Żbalji Formali

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn l-istqarrijiet magħmula fil-prova tal-orġini u dawk magħmula fid-dokumenti preżentati lill-uffiċċju doganali biex jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti, ma għandhiex *ipso facto* tannulla l-prova tal-orġini jekk ikun stabbilit kif xieraq li dan id-dokument fil-fatt jikkorrispondi għall-prodotti sottomessi.

2. Żbalji formali ovvji bħalma huma żbalji tat-tajping fi prova tal-orġini ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi rifjutat jekk dawn l-iżbalji ma jkunux żbalji li jgħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

## ARTIKOLU 28

### Ammonti espressi f'Euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19, il-paragrafu 1(b) u l-Artikolu 24, il-paragrafu 3, f'każijiet fejn tinħareġ fattura għall-prodotti f'xi munita li mhix l-euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tar-Repubbliki tal-Parti CA ekwivalenti għall-ammonti f'euro għandhom ikunu f'fissati, darba fis-sena, minn kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew minn kull Repubblika tal-Parti CA kkonċernati.
2. Konsenja għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19, il-paragrafu 1(b) jew tal-Artikolu 24, il-paragrafu 3 b'referenza għall-munita li fiha tinħareġ il-fattura, skont l-ammont stabbilit mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew mir-Repubblika tal-Parti CA kkonċernati.
3. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali, f'dik il-munita għandhom ikunu l-ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro mill-ewwel jum ta' xogħol f'Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lir-Repubbliki tal-Parti CA kkonċernati bl-ammonti rilevanti.

4. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubbliki tal-Parti CA jistgħu jżidu jew inaqqsu l-ammont li jirriżulta mill-kambju għall-munita nazzjonali ta' ammont espress f'euro, biex jagħtu ċifra għad-dritt. L-ammont mogħti għad-dritt ma jistax ikun differenti b'aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew Repubblika tal-Parti CA jistgħu jżommu hekk kif ikun l-ammont ekwivalenti fil-munita nazzjonali tagħhom għal ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-kambju ta' dak l-ammont, qabel ma jinġibed għad-dritt, jirriżulta f'żieda ta' inqas minn 15 fil-mija fl-ekwivalenti fil-munita nazzjonali. L-ammont ekwivalenti fil-munita nazzjonali jista' jinżamm kif ikun jekk il-kambju jirriżulta fi tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu riveduti mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fuq talba ta' xi Parti. Meta titwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jqis kemm ikun mixtieq li jinżammu f'termini reali l-effetti tal-limiti kkonċernati. Għal dan il-għan, jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

## TITOLU V

### ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

#### ARTIKOLU 29

##### Kooperazzjoni Amministrattiva

1. L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, b'kampjuni ta' impressjonijiet tat-timbri użati fl-uffiċċji tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1, flimkien mal-indirizzi tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti responsabbli mill-verifika ta' dawk iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura.
2. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti rispettivi tagħhom jew, fejn ikun applikabbli, permezz tal-awtoritajiet doganali, fil-verifika tal-awtentità taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew tad-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura u l-korrettezza tat-tagħrif mogħti f'dawn id-dokumenti.

## ARTIKOLU 30

### Verifika tal-Provi tal-Oriġini

1. Il-verifiki sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew kull meta l-awtorità doganali jew, fejn ikun applikabbli, l-awtorità pubblika kompetenti tal-Parti li timporta jkollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, l-istatus tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati jew is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.
2. Għall-finijiet ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtorità doganali jew, fejn ikun applikabbli, l-awtorità pubblika kompetenti tal-Parti li timporta għandhom jibagħtu lura ċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u l-fattura, jekk din tkun ġiet sottomessa, id-dikjarazzjoni fuq il-fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Parti li tesporta filwaqt li jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għall-investigazzjoni. Kwalunkwe dokument u tagħrif miksuba li jindikaw li t-tagħrif inniżżel fuq il-prova tal-oriġini mhux korrett, għandhom jintbagħtu biex isostnu t-talba ta' verifika.
3. Il-verifika għandha titwettaq mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Parti li tesporta. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe prova u li jwettqu kwalunkwe spezzjoni tar-rekords kontabilistiċi tal-esportatur jew li jagħmlu kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq, relatat mal-oriġini u skont il-proċeduri tal-leġislazzjoni domestika tagħha.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jiddeċiedu li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenzjali tat-tariffi għall-prodotti li jiġu mingħand l-esportatur suġġetti għal verifika, waqt li jkunu qed jistennew ir-risultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti għandu jiġi offrut lill-importatur suġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li tkun ikkunsidrata neċessarja.

5. L-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jew, fejn ikun applikabbli, l-awtoritajiet doganali li jitolbu li ssir verifika għandhom ikunu infurmati bir-risultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-risultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan l-Anness.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkunx hemm tveġiba fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk it-tveġiba ma jkunx fiha biżżejjed tagħrif biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali jew, fejn ikun applikabbli, l-awtorità pubblika kompetenti li tagħmel it-talba għandhom, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiċħdu d-dritt għall-preferenzi fir-rigward tal-prodotti koperti mill-prova tal-oriġini suġġetti għal verifika.

## ARTIKOLU 31

### Soluzzjoni tat-Tilwim

1. Fejn jinqala' xi tilwim b'rabta mal-proċeduri ta' verifika ta' Artikolu 30, li ma jkunx jista' jissolva bejn l-awtoritajiet li jitolbu li ssir verifika u l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq ta' din il-verifika, jew b'rabta mal-interpretazzjoni ta' dan l-Anness, it-talbiet għas-soluzzjoni ta' dak it-tilwim għandhom jiġu sottomessi quddiem is-Sottokumitat dwar id-Dwana, l-Iffaċilitar ta' Kummerċ u r-Regoli ta' Orġini biex ikun hemm konsultazzjonijiet u diskussjonijiet fis-Sottokumitat. F'kull każ, il-Partijiet għandhom iżommu d-drittijiet mogħtija lilhom skont il-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim stabbilit fit-Titolu X (Soluzzjoni ta' Tilwim) ta' Parti IV ta' dan il-Ftehim.
2. F'kull każ, is-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali ta' Parti li timporta għandha taqa' fi ħdan il-leġislazzjoni domestika ta' Parti speċifikata.

## ARTIKOLU 32

### Penali

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal dokument, jew li tikkawża li jiġi tfassal dokument, li jkun fih taġġir skorrett bl-għan li jinkiseb trattament preferenzjali tat-tariffi għal xi prodotti.

## ARTIKOLU 33

### Żoni Ħielsa

1. L-Unjoni Ewropea u r-Repubbliki tal-Parti CA għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti kummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona ħielsa jew maħżen doganali li jinsab fit-territorju tagħhom skont il-leġislazzjoni domestika tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr l-operazzjonijiet normali maħsuba sabiex jipprevjenu d-deterjorament tagħhom.
2. B'eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Amerka Ċentrali jiġu importati f'żona ħielsa taħt kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati għandhom joħroġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 għal fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkun sarilhom ikun skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

## TITOLU VI

### CEUTA U MELILLA

#### ARTIKOLU 34

##### Applikazzjoni ta' dan l-Anness

1. It-terminu "Unjoni Ewropea" użat fl-Artikolu 2 ma jkoprix lil Ceuta u Melilla.
2. Il-prodotti li joriġinaw fl-Amerka Ċentrali, meta jiġu importati f'Ceuta jew Melilla, għandhom igawdu f'kull aspekt mill-istess sistema doganali bħal dik li tiġi applikata għall-prodotti li joriġinaw mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej. Ir-Repubbliki tal-Parti CA għandhom japplikaw l-istess sistema doganali bħal dik applikata fuq prodotti importati minn, u li joriġinaw, fl-Unjoni Ewropea, għall-importazzjonijiet ta' prodotti koperti mill-Ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla.
3. Għall-finijiet ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan l-Anness għandu japplika *mutatis mutandis* suġġett għall-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 35.

## ARTIKOLU 35

### Kondizzjonijiet Speċjali

1. Sakemm ikunu ġew ttrasportati direttament skont id-dispożizzjoniet ta' l-Artikolu 12, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:

(a) prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla:

(i) prodotti miksuba għalkollox minn Ceuta u Melilla;

(ii) prodotti miksubin minn Ceuta u Melilla li, fil-manifattura tagħhom, jintużaw prodotti oħrajn minbarra dawk imsemmijin f'(i), sakemm:

il-prodotti msemmija jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 5; jew li

dawk il-prodotti joriġinaw fl-Amerka Ċentrali jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn minn dawk l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

(b) prodotti li joriġinaw fl-Amerka Ċentrali:

(i) prodotti miksubin għalkollox mill-Amerka Ċentrali;

(ii) prodotti miksubin mill-Amerka Ċentrali li, fil-manifattura tagħhom, jintużaw prodotti oħra barra dawk imsemmijin f(i), sakemm:

il-prodotti msemmija jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 5; jew li

dawk il-prodotti jkunu joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fil-Unjoni Ewropea, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jniżżel "Amerka Ċentrali" u "Ceuta u Melilla" fil-kaxxa 2 ta' ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fid-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura Barra minn hekk, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan għandu jkun indikat fil-kaxxa 4 ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew fid-dikjarazzjoni fuq il-fattura.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Anness f'Ceuta u Melilla.

## TITOLU VII

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

#### ARTIKOLU 36

##### Emendi għal dan l-Anness

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jimmodifika d-dispożizzjonijiet tal-Appendiċijiet ma' dan l-Anness.

#### ARTIKOLU 37

##### Noti Spjegattivi

Il-Partijiet għandhom jaqblu dwar "In-Noti Spjegattivi" fir-rigward tal-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan l-Anness fis-Sottokumitat dwar id-Dwana, l-Iffaċilitar tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Orġini, sabiex jirrakkomandaw l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

## ARTIKOLU 38

### Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Prodotti fi Tranżitu jew f'Ħażna

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu applikati għal prodotti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness u li fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu fi tranżitu jew fil-Partijiet, f'ħażna temporanja f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa, suġġetti għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, fi żmien erba' xhur minn dik id-data, ta' prova tal-oriġini maħruġa retrospettivament flimkien mad-dokumenti li juru li l-merkanzija ġiet trasportata direttament skont l-Artikolu 12.

## ARTIKOLU 39

### Dispożizzjoni Tranżitorja għal Finijiet ta' Kumulazzjoni

Il-Partijiet li daħal għalihom fis-seħħ dan il-Ftehim skont l-Artikolu 353 tal-Parti V (Dispożizzjonijiet Finali), jistgħu jużaw materjali li joriġinaw fir-Repubbliki tal-Parti CA li għalihom dan il-Ftehim għadu ma daħalx fis-seħħ. L-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis*.

## APPENDIĊI 1

### NOTI INTRODUTTORJI GĦALL-ANNESS II

#### NOTA 1:

Il-lista fl-Appendiċi 2 tistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha biex ikunu kkunsidrati bħala maħduma jew ipproċessati biżżejjed fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5 tal-Anness II

#### NOTA 2:

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tas-sottointestatura, in-numru tal-intestatura jew in-numru tal-Kapitlu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni tal-merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik is-sottointestatura, l-intestatura jew il-Kapitlu. Għal kull annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni hemm regola speċifikata fil-kolonna 3 jew 4. Meta, f'xi każijiet, l-annotazzjoni fl-ewwel kolonna tkun preċeduta minn "ex", dan ikun ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik is-sottointestatura, l-intestatura jew il-Kapitlu kif deskritt fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestatura jkunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata numru ta' Kapitlu u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' hdejjha fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt l-intestaturi tal-Kapitlu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti taħt intestatura, kull inċiż ikun fih deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta bir-regoli ta' hdejjha fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Meta, għal annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni tiġi speċifikata regola kemm f'kolonna 3 u kemm f'kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika r-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik stabbilita fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola tal-oriġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

NOTA 3:

3.1. Id-dispożizzjoniet tal-Artikolu 5 tal-Anness II, li jirrigwardaw prodotti li jkunu kisbu status tal-oriġini li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw sew jekk dan l-istatus ikun inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti u sew jekk ikun inkiseb f'fabbrika oħra fil-Parti tal-UE jew fir-Repubbliki tal-Parti CA.

Eżempju:

Magna tat-titlu 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjali mhux tal-oriġini li jistgħu jiġu inkorporati ma jistax jaqbeż l-40 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika, hija magħmula minn "azzar liġi ffurmat raff bil-kiwi bil-forġa" tat-titlu ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fil-Parti tal-UE minn ingott mhux tal-oriġini, ikun diġà kiseb status tal-oriġin permezz tar-regola għat-titlu ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol tal-forġa mbagħad ikun jista' jgħodd bħala xogħol tal-oriġini fil-kalkolu tal-valur tal-magna, sew jekk ikun ġie mmanifatturat fl-istess fabbrika u sew jekk ikun ġie mmanifatturat f'xi fabbrika oħra fil-Parti tal-UE. Il-valur tal-ingott mhux tal-oriġini, għalhekk, ma jitqiesx meta tinħadem is-somma tal-valur tal-materjali mhux tal-oriġini użati.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar li huma meħtieġa, u t-twettiq ta' aktar xogħol jew ipproċessar ukoll jagħti status tal-oriġini; mill-banda l-oħra, it-twettiq ta' inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti status tal-oriġini. B'hekk, jekk regola tistipula li materjal mhux tal-oriġini jista' jintuża meta jintlaħaq ċertu stadju tal-manifattura, l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar bikri huwa permess waqt li l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar tard ma huwiex permess.

3.3. Mingħajr ħsara għan-Nota 3 2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu", allura jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe titlu(i) (anki materjali bl-istess deskrizzjoni u mill-istess titlu bħal prodott) , soġġetti, minkejja dan, għal kwalunkwe limitazzjonijiet speċifiċi li wkoll jistgħu jinsabu fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, inklużi materjali oħra taħt t-titlu... " jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, inklużi materjali oħra taħt l-istess titlu bħall-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe titlu(i), ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 ta' lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma tirrikjedix li jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għat-tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tistipula li jistgħu jintużaw fibri naturali u li materjali kimiċi, fost affarijiet oħra, jistgħu jintużaw ukoll. Dan ma jfissirx li jridu jintużaw it-tnejn; jista' jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott irid ikun manifatturat minn materjal partikolari, il-kondizzjoni naturalment ma tipprevjenix l-użu ta' materjali oħra li minħabba n-natura tagħhom stess ma jistgħux jissodisfaw ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6 2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel ippreparat taħt l-intestatura 1902, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċereali jew derivati minnhom, ma tipprevjenix l-użu ta' imluħa minerali, sustanzi kimiċi u addittivi oħra li mhumiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu mmanifatturati mill-materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies taħt l-ex Kapitlu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ħjut mibruma mhux tal-oriġini għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux, normalment, isiru minn dawn il-ħjut mibruma. F'każijiet bħal dawn, il-materjal tal-bidu normalment ikun fl-istadju ta' qabel ma jsir il-ħajt – jiġififeri, l-istadju tal-fibra.

3.6. Meta fregola fil-lista, jingħataw żewġ persentaġġi għall-valur massimu tal-materjali mhux tal-oriġini li jistgħu jintużaw, allura dawn il-persentaġġi ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali kollha użati mhux tal-oriġini qatt ma jista' jaqbeż l-ogħla wieħed mill-persentaġġi mogħtija. Barra minn hekk, il-persentaġġi individwali ma jistgħux jinqabżu fir-rigward tal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

#### NOTA 4:

4.1. It-terminu "fibri naturali" jintuża fil-lista sabiex jirreferi għal fibri li mhumx fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji ta' qabel l-għażil, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jigħix speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li jkunu ġew imqardxin, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor, iżda mhux magħżula.

4.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi x-xagħar taż-żiemel tat-titlu 0511, l-għażel tat-titli 5002 u 5003, kif ukoll fibri tas-suf u xagħar fin jew aħrax tal-annimali tat-titli 5101 sa 5105, il-fibri tal-qoton tat-titli 5201 sa 5203, u fibri oħra veġetali tat-titli 5301 sa 5305.

4.3. It-termini "polpa tat-tessuti", "materjali kimiċi" u "materjal li minnu ssir il-karta" jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, mhux ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' fibri artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta jew ħjut.

4.4. It-terminu "fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) magħmulin mill-bniedem" jintuża fil-lista biex jirriferi għal tarf ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, taħt l-intestaturi 5501 sa 5507.

NOTA 5:

5.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kondizzjonijiet stipulati fil-kolonna 3 ma għandhom ikunu applikati għall-ebda materjal ta' tessuti bażiċi użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta kkunsidrati flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas tal-piż totali tal-materjali ta' tessuti bażiċi kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt)

5.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tkun applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu nħadmu minn żewġ materjali ta' tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma materjali ta' tessuti bażiċi:

- il-ħarir,
- is-suf,
- ix-xagħar aħrax tal-annimali,
- ix-xagħar fin tal-annimali,
- ix-xagħar taż-żiemel,
- il-qoton,

- il-materjal li minnu ssir il-karta u l-karta,
- il-kittien,
- il-qanneb veru,
- il-ġuta u fibri tessili oħrajn tat-tilju,
- sisa u fibri oħrajn tat-tessuti tal-ġenus Agave,
- il-fibri tal-ġewż tal-Indi, l-abaka, ir-rami u fibri tat-tessuti veġetali oħra,
- il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,
- il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent elettriku,
- fibri sintetiċi bażiċi magħmula mill-bniedem tal-polipropilen,
- fibri sintetiċi bażiċi magħmula mill-bniedem tal-poliester,
- fibri sintetiċi bażiċi magħmula mill-bniedem tal-poliammid,
- fibri sintetiċi bażiċi magħmula mill-bniedem tal-poliakrilonitril,
- fibri sintetiċi magħmula mill-bniedem tal-polimmid,
- fibri sintetiċi bażiċi magħmula mill-bniedem tal-politetraflworuētilen,
- fibri sintetiċi bażiċi magħmula mill-bniedem tal-poli(sulfid tal-fenilen),
- fibri sintetiċi tal-poli(klorid tal-vinil) magħmula mill-bniedem,
- fibri sintetiċi bażiċi oħrajn magħmula mill-bniedem,
- fibri artifiċjali bażiċi magħmula mill-bniedem tal-visk,
- fibri artifiċjali bażiċi oħrajn magħmula mill-bniedem,

- il-ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polietere, sew jekk mibrum kif ukoll jekk le,
- ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat, b'segmenti flessibbli ta' poliester, sew jekk mibrum kif ukoll jekk le,
- prodotti tat-titlu 5605 (ħjut metallizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' filament tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ saffi ta' filament tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita
- prodotti oħrajn tat-titlu 5605.

Eżempju:

Ħajt tat-titlu 5205, magħmul minn fibri tal-qoton tat-titlu 5203 u fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tat-titlu 5506, huwa ħajt imħallat. Għalhekk, fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat mhux tal-orġini li ma jissodisfawx ir-regoli tal-orġini (li jirrikjedu li l-manifattura ssir minn materjal kimiku jew polpa tessili) jistgħu jintużaw, bil-kondizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 % tal-piż tal-ħajt.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tat-titlu 5112 magħmul minn ħajt tas-suf tat-titlu 5107 u ħajt sintetiku minn fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat tat-titlu 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, il-ħajt sintetiku li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini (li jirrikjedu li l-manifattura ssir minn materjal kimiku jew polpa tessili), jew ħajt tas-suf li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini (li jirrikjedu li l-manifattura ssir minn fibri naturali, mhux imqardxa jew mimxuta jew ippreparati b'xi mod ieħor għall-għażil), jew taħlita tat-tnejn, jista' jintuża, bil-kondizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drappijiet ta' tessuti bil-bżiebeż, tat-titlu 5802, magħmula minn ħjut mibruma tal-qoton tat-titlu 5205 u tessut tal-qoton tat-titlu 5210, ikun prodott imħallat biss jekk it-tessut tal-qoton innifsu jkun tessut imħallat magħmul minn ħjut mibruma kklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut mibruma tal-qoton stess ikunu mħalltin.

Eżempju:

Jekk id-drapp tat-tessut bil-bżiebeż ikkonċernat hu magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tat-titlu 5205 u tessut sintetiku tat-titlu 5407, allura, ovvjament, il-ħjut mibruma użati huma żewġ materjali bażiċi tat-tessut separati u d-drapp tat-tessut bil-bżiebeż huwa, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "haġt mibrum magħmul mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli ta' polieteru, sew jekk mibrum kif ukoll jekk le", din it-tolleranza hija 20 fil-mija fir-rigward ta' dan il-haġt mibrum.

5.4. Fil-każ ta' prodotti li fihom "strixxa li tikkonsisti minn qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' filament tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, ta' wisa' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ saffi ta' filament tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita", din it-tolleranza hija 30 fil-mija fir-rigward ta' din l-istrixxa.

NOTA 6:

6.1. Fejn, fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-materjali tat-tessut (ħlief l-inforri u d-drapp barrani miżjud bejn l-inforra u d-drapp) li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodott maħdum ikkonċernat, bil-kondizzjoni li jkunu kklassifikati f'titlu differenti minn dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-tmienja fil-mija tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.

6.2. Bla ħsara għan-Nota 6.3, materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-manifattura ta' prodotti tat-tessut, kemm jekk ikun fihom it-tessuti u kemm jekk le.

Eżempju:

Jekk regola fil-lista tistipula li, għal oġġett tat-tessut partikolari (bħal qalziet), għandu jintuża l-ħajt, din ma tipprevjenix l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħalma huma l-buttni, minħabba li l-buttni mhumex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, din ma timpedixxix l-użu ta' zippijiet, anki jekk iż-zippijiet normalment ikun fihom id-drapp.

6.3. Fejn tapplika regola dwar il-persentaġġi, il-valur tal-materjali li mhumex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjali mhux ta' orġini li jkunu inkorporat.

NOTA 7:

7.1. Għall-finijiet tat-titli ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403 il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;
- (c) tixqiq;
- (d) formazzjoni mill-ġdid;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi magħżula;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidrid sulfuriku; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni bi trab naturalment attiv, trab attiv, faħam tal-kannol jew boksajt attiv;
- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilazzjoni;
- (i) isomerizzazzjoni.

7.2. Għall-finijiet tat-titli 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni ġo vakwu;
- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;
- (c) tixqiq;
- (d) formazzjoni mill-ġdid;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi magħżula;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidrid sulfuriku; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni bi trab naturalment attiv, trab attiv, faħam tal-kannol jew boksajt attiv;
- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilazzjoni;

- (i) isomerizzazzjoni;
- (j) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tat-titlu ex 2710 biss, id-desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut tal-kubrit tal-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);
- (k) fir-rigward tal-prodotti tat-titlu 2710 biss, it-tneħħija tal-paraffin bi proċess li mhux filtrazzjoni;
- (l) fir-rigward taż-żjut ħoxnin tat-titlu ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu, taħt pressjoni ta' aktar minn 20 bar u temperatura ta' aktar minn 250°C, bl-użu ta' katalist, għajr biex issir id-desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament addizzjonali, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti tat-titlu ex 2710 (eż l-irfinar bl-idroġenu jew it-tneħħija tal-kulur) sabiex, b'mod partikolari, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbiltà, ma għandux, madankollu, jitqies bħala proċess speċifiku;
- (m) fir-rigward taż-żjut karburanti tat-titlu ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, bil-kondizzjoni li jiġi ddistillat anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti, fir-rigward tal-volum, inkluż it-telf, f'temperatura ta' 300°C, bil-metodu ASTM D 86;

- (n) fir-rigward ta' żjut ħoxnin għajr iż-żjut tal-gass u ż-żjut karburanti tat-titlu ex 2710 biss, trattament permezz ta' rilaxx ta' karga elettrika ta' frekwenza għolja;
- (o) fir-rigward ta' prodotti mhux maħdumin (minbarra l-petroleum jelly, l-ożokerit, ix-xama' tal-linjite jew ix-xama' tal-pit, ix-xama' tal-paraffin li fiha anqas minn 0,75 % ta' żejt fir-rigward ta' piż) tat-titlu ex 2712 biss, it-tneħħija ta' żejt permezz tal-kristallizzazzjoni frazzjonali.

7.3. Għall-finijiet tat-titli ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi bħal tindif, tferriegħ, tneħħija tal-melħ, separazzjoni tal-ilma, filtrazzjoni, kulur, immarkar, determinazzjoni tal-kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kull kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jagħtux l-istatus tal-orijini.

NOTA 8:

Għall-finijiet tal-Artikolu 4 tal-Anness II prodotti agrikoli u ortikulturali mkabbrin fit-territorju ta' Parti għandhom jiġu trattati bħala prodotti li joriġinaw fit-Territorju ta' dik il-Parti anki jekk ikunu tkabbru minn żrieragħ, basal, riżomi, cuttings, tilqim fis-siġar, rimjiet, raħs, jew partijiet haġġin oħra ta' pjanti importati minn pajjiż li mhux Parti.

#### NOTA 9:

Għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Anness II, "sempliċi" tiddeskrivi attivitajiet li la jeħtieġu ħiliet speċjali u lanqas magni, apparat jew tagħmir immanifatturati jew installati apposta sabiex titwettaq l-attività. Madankollu, taħlit sempliċi ma jinkludix ir-reazzjonijiet kimiċi. Reazzjoni kimika hija proċess (inkluż proċess bijokimiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir tar-rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bit-tibdil fl-arranġament spazjali tal-atomi f'molekula.

## APPENDIĊI 2

### IL-LISTA TA' XOGĦOL JEW IPPROĊESSAR MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI LI MHUMIEX TA' ORİĠINI SABIEX IL-PRODOTT IMMANIFATTURAT JKUN JISTA' JIKSEB STATUS TAL-ORİĠINI

Jista' jkun li mhux il-prodotti kollha elenkati fil-lista huma koperti mill-ftehim. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħra ta'dan il-Ftehim.

| Kodiċi HS     | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                             | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali li mhumiex ta' oriġini, li jagħtihom status tal-oriġini |         |
|---------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)           | (2)                                                                                                                                                  | (3)                                                                                                       | jew (4) |
| Kapitlu 01    | Annimali haġġin                                                                                                                                      | L-annimali kollha tal-Kapitlu 01 għandhom jinkisbu għalkollox                                             |         |
| Kapitlu 02    | Laħam u l-ġewwieni ta' annimali li jittiekel                                                                                                         | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitli 01 u 02 użati jinkisbu għalkollox                        |         |
| Kapitlu 03    | Ħut u krustaċċi, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra                                                                                              | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitlu 03 jinkisbu għalkollox                             |         |
| ex Kapitlu 04 | Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti li jittiekl u ġejjin mill-annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr: | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitlu 04 jinkisbu għalkollox                             |         |

| Kodiċi HS     | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                                                                                                                                                   | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali li mhumiex ta' oriġini, li jagħtihom status tal-oriġini                                                                                                                                                                                                                                   |         |
|---------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)           | (2)                                                                                                                                                                                                                                        | (3)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         | jew (4) |
| 0403          | Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħra fermentati jew aċidużi, sew jekk ikkonċentrati u sew jekk le jew biz-zokkor miżjud jew sustanza ta' ħlewwa jew imħawrin jew bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw miżjuda | <p>Manifattura fejn:<br/>il-materjali kollha użati tal-Kapitlu 04 jinkisbu għalkollox,<br/>il-meraq kollu tal-frott (għajr dak tal-ananas, tal-lajm jew tal-grejpfrut) tat-titlu 2009 li jintuża huwa tal-oriġini, u<br/>l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika</p> |         |
| ex Kapitlu 05 | Prodotti li ġejjin mill-annimali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; għajr:                                                                                                                                                           | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 05 użati jinkisbu għalkollox                                                                                                                                                                                                                                                               |         |
| ex 0502       | Lanżit u xagħar tal-qżieqeż, tal-ħnieżer jew taċ-ċingjali                                                                                                                                                                                  | Tindif, diżinfettar, ħżin u ddrittar tal-lanżit u x-xagħar                                                                                                                                                                                                                                                                                  |         |

| Kodiċi HS                   | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                         | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali li mhumiex ta' oriġini, li jagħtihom status ta' oriġini                                                                                  |         |
|-----------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                         | (2)                                                                                              | (3)                                                                                                                                                                                        | jew (4) |
| Kapitlu 06 <sup>63</sup>    | Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u affarijiet simili; fjuri maqtugħin u weraq ornamenti | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, minbarra dak tal-prodott                                                                                                                   |         |
| Kapitlu 07 <sup>64</sup>    | Ħxejjex u ċerti għeruq u tuberi li jittiekl                                                      | Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitlu 07 li jintużaw jinkisbu għalkollox                                                                                                      |         |
| Kapitlu 08 <sup>65</sup>    | Frott u ġewż li jittiekl; il-qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ                           | Manifattura fejn: il-frott u l-ġewż kollha jinkisbu għalkollox, u l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-valur tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |         |
| ex Kapitlu 09 <sup>66</sup> | Kafè, té, maté u ħwawar; għajr:                                                                  | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 09 użati jinkisbu għalkollox                                                                                                              |         |

<sup>63</sup> Ara n-Nota Introduttoria 8.

<sup>64</sup> Ara n-Nota Introduttoria 8.

<sup>65</sup> Ara n-Nota Introduttoria 8.

<sup>66</sup> Ara n-Nota Introduttoria 8.

| Kodiċi HS                   | Deskrizzjoni tal-prodott                                                          | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali li mhumiex ta' oriġini, li jagħtihom status tal-oriġini                                           |         |
|-----------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| (1)                         | (2)                                                                               | (3)                                                                                                                                                 | jew (4) |
| 0902                        | Té, imħawwar u sew jekk le                                                        | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu                                                                                                      |         |
| ex 0910                     | Taħlitiet ta' ħwawar                                                              | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu                                                                                                      |         |
| Kapitlu 10 <sup>67</sup>    | Ċereali                                                                           | Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitlu 10 jinkisbu għalkollox                                                                           |         |
| ex Kapitlu 11 <sup>68</sup> | Prodotti tal-industrija tad-dqiq; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr: | Manifattura li fiha ċ-ċereali kollha, il-ħxejjex, l-għeruq u t-tuberi li jittieklut tat-titlu 0714 jew il-frott użat jinkisbu għalkollox            |         |
| 1101                        | Dqiq tal-qamħ jew tal-meslin                                                      | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, minbarra dak tal-prodott                                                                            |         |
| ex 1102 u ex 1103           | Dqiq mill-qamħirrum, xgħir u barli mitħun oħxon (groats) u pasta                  | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, minbarra dak tal-prodott, fejn tal-inqas 50 % tal-qamħirrum bil-piż tat-titlu 1005 ikun tal-oriġini |         |

<sup>67</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

<sup>68</sup> Ara n-Nota Introdutturja 8.

| Kodiċi HS                | Deskrizzjoni tal-prodott                                                                                      | Ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fuq materjali li mhumiex ta' oriġini, li jagħtihom status ta' oriġini                  |         |
